## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | SOCIAL STUDIES (GENERAL) | TIME: 1hr 30mins |
|---|---|---|

Name: ________________________________ Class: _______________

**Taqsima A**

**Agħti d-differenza bejn:**

1. Gvern Ċentrali u kunsill lokali
2. Familja Estiża u Familja Nuklejari
3. Demokrazija u Stat Totalitarju.
4. Valuri u Normi
5. Settur sekondarju u Settur terzjarju fl-ekonomija.

**(5x4 marki) - 20 marka.**

**Taqsima B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 25 kelma.**

Il-kelma Demokrazija ġejja mill-kelma Griega *demokratia*, fejn **demos** tfisser poplu u **kratia** tfisser tiggverna. F'soċjeta' demokratika kull persuna adulta għandha vot wieħed biss, għalhekk kull persuna għandha l-istess valur u l-istess setgħa fil-qafas politiku. Soċjeta' demokratika hija soċjeta' pluralista. Is-soċjeta' għandha l-mezzi biex issemma' leħinha. F'soċjeta' demokratika insibu gruppi ta' pressjoni li għandhom rwol importanti x'jaqdu.

1. Malta huwa pajjiż demokratiku. Għaliex jissejjaħ hekk?
2. Xi tfisser "soċjeta' pluralista"?
3. X'mezzi għandha s-soċjeta' biex issemma' leħinha?

4a. X'inhuma gruppi ta' pressjoni? Agħti eżempji ta' dawn il-gruppi.

4b. Għaliex għandhom rwol importanti x'jaqdu fis-soċjeta'?

5. Għaliex huwa importanti li kulħadd iħares id-dmirijiet tiegħu?

**(6x5 marki) - 30 marka.**

**Taqsima Ċ**

**Ħares lejn din l-istampa u wieġeb:**



"X'karozza għandek xbin?" Jien bil-mixi jkolli mmur!"

1. X'messaġġ twassallek din l-istampa?

2 marki.

2. Taħseb li jeżistu l-klassijiet soċjali hawn Malta? Jekk iva, agħti eżempji.

3 marki

3. X'insejħulha 'l-organizzazzjoni ta' l-inugwaljanza soċjali'?

2 marki.

4. Jista' xi darba, kemm il-bniedem ta' ġol-karozza kif ukoll l-ieħor li qiegħed jitlob, jiċċaqilqu mill-pożizzjoni soċjali tagħhom? Spjega billi tagħti mill-anqas erba' eżempji. X'jissejjaħ dan iċ-ċaqliq fil-klassijiet soċjali?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

7 marki

5. Xi privileġġi qed igawdi dak li qiegħed fil-karozza li l-ieħor m'għandux?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

6 marki

**Total 20 marka.**

**Taqsima D.**

**<u>Agħżel wieħed u ikteb madwar 300 kelma</u>**

1 Iddiskrivi kif il-familja tissoċjalizza l-ulied fis-soċjeta' Maltija.
2 Malta għaddiet minn ħafna bidliet soċjali f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Ikkummenta dwar xi bidliet li saru, x'kienu l-kawżi ta' dawn il-bidliet u kif affettwaw lill-poplu.
3 Illum naraw li l-familja ġarrbet ħafna tibdil. Ikkummenta dwar dan it-tibdil fl-istruttura, id-daqs, u l-funzjoni tal-familja.
4 L-ekonomija Maltija hija bbażata fuq tliet setturi. Spjega xi tfisser ekonomija, x'inhuma dawn it-tliet setturi u x'inhu il-GDP.
5 Taħseb li f'soċjeta' hemm bżonn ta' kontroll soċjali? Kif jista' jseħħ dan mingħajr ma toħnoq il-liberta' ta' l-individwu?

**30 marka.**